

DEĊIŻJONI (UE) 2017/936 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**tat-23 ta' Mejju 2017****li tinnomina kapijiet ta' unità ta' xogħol biex jadottaw deċiżjonijiet dwar kompetenza u idoneità (BĊE/2017/16)**

IL-BORD EŻEKUTTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u b'mod partikolari l-Artikolu 11.6 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni (UE) 2017/933 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' Novembru 2016 dwar qafas ġenerali għad-delegazzjoni ta' setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet għal strumenti legali relatati ma' kompiti superviżorji (BĊE/2016/40) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 4 u 5 tagħha,Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni (UE) 2017/935 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' Novembru 2016 dwar id-delegazzjoni tas-setgħa li jiġu adottati deċiżjonijiet dwar kompetenza u idoneità u l-evalwazzjoni tar-rekwiżiti ta' kompetenza u adegwatezza (BĊE/2016/42) ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tagħha,Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BĊE/2004/2 tad-19 ta' Frar 2004 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Billi:

- (1) Sabiex jiġi kkunsidrat l-għadd konsiderevoli ta' deċiżjonijiet li l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) ikollu jadotta fit-tweġġ tal-kompiti superviżorji tiegħu, għet stabbilita proċedura għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet iddelegati speċifiċi.
- (2) Deċiżjoni ta' delega hija effettiva mal-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Bord Eżekuttiv li tinnomina kap jew kapijiet ta' unità biex jieħdu deċiżjonijiet fuq il-bażi ta' deċiżjoni ta' delega.
- (3) L-importanza tad-deċiżjoni ta' delega u n-numru ta' destinatari li lilhom ikollhom jintbagħtu deċiżjonijiet ta' delega għandhom jiġu kkunsidrati mill-Bord Eżekuttiv meta jinnominaw kapijiet ta' unità ta' ħidma.
- (4) Il-Presidenza tal-Bord Superviżorju tkun għet ikkonsultata dwar il-kapijiet tal-unità ta' ħidma li lilhom għandha tiġi ddelegata s-setgħa li jadottaw deċiżjonijiet dwar kompetenza u idoneità,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1***Deċiżjonijiet iddelegati dwar kompetenza u idoneità**

Deċiżjonijiet iddelegati skont l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni (UE) 2017/935 (BĊE/2016/42) għandhom jiġu adottati mill-Viċi Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għas-Superviżjoni Mikroprudenzjali IV li huwa responsabbli għal deċiżjonijiet dwar kompetenza u idoneità, jew jekk il-Viċi Direttur Ġenerali ma jkunx disponibbli mill-Kap tad-Diviżjoni tal-Awtorizzazzjoni, u wieħed mill-kapijiet ta' unità ta' ħidma li ġejjin:

- (a) id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għas-Superviżjoni Mikroprudenzjali I, jekk is-superviżjoni tal-entità jew grupp taħt superviżjoni rilevanti titwettaq mid-Direttorat Ġenerali għas-Superviżjoni Mikroprudenzjali I;
- (b) id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għas-Superviżjoni Mikroprudenzjali II, jekk is-superviżjoni tal-entità jew grupp taħt superviżjoni rilevanti titwettaq mid-Direttorat Ġenerali għas-Superviżjoni Mikroprudenzjali II; jew
- (c) jekk Direttur Ġenerali ma jkunx disponibbli, mill-Viċi Direttur Ġenerali tiegħu.

⁽¹⁾ Ara paġna 14 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.⁽²⁾ Ara paġna 21 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.⁽³⁾ ĠUL 80, 18.3.2004, p. 33.

*Artikolu 2***Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-23 ta' Mejju 2017.

Il-President tal-BĊE
Mario DRAGHI
